**IS-SILLABU TAĊ-ĊES (2022)**

**IL-MALTI** **ĊES 22**

***IS-SILLABU***

**ĊES 22 Il-Malti**
**Syllabus Addendum**
*Tibdil għas-Sessjoni tal-Eżamijiet tal-MATSEC 2022*

| | |
|---|---|
| Bidliet fil-Kontenut tas-Suġġett | L-eżami tal-Oral<br>• Il-lista ġiet imnaqqsa. Il-personaġġi magħżula huma: Ġan Franġisk Agius De Soldanis; Mikiel Anton Vassalli; Dun Karm Psaila u Ninu Cremona.<br><br>It-Tieni Karta A u B<br>• Il-lista ta' poeżiji li jista' jużа l-eżaminatur għar-referenza għall-kuntest mill-antoloġija ġiet imnaqqsa. Il-poeżiji magħżula huma:<br>  ◦ Jien;<br>  ◦ Katrin tal-Imdina;<br>  ◦ Quo Vadis?;<br>  ◦ Niftakar;<br>  ◦ Jum San Valentin;<br>  ◦ Passaġġi;<br>  ◦ Żagħżugħ ta' Dejjem.<br><br>• Il-lista ta' novelli li jista' jużа l-eżaminatur għar-referenza għall-kuntest mill-antoloġija ġiet imnaqqsa. In-novelli magħżula huma:<br>  ◦ Il-Koranta;<br>  ◦ Ċensina;<br>  ◦ Bank;<br>  ◦ Firda minn Kelb;<br>  ◦ Aqrali xi ħaġa ġdida, qaltilha;<br>  ◦ Xtara l-Ħut fil-Baħar. |
| Bidliet fil-Coursework | N/A |
| Bidliet fil-Karta tal-eżami | It-titli li se jiġu ppreżentati fil-komponimenti letterarji jistgħu jkunu kemm:<br>a. miftuħa, kif ukoll<br>b. marbutin ma' test/i letterarji partikulari mil-lista magħżula.<br><br>Il-kandidat jista' jirreferi għat-testi kollha, poeżija u novelli, li hemm fl-antoloġija Bejn Ħaltejn meta jkollu titli miftuħa (a) imma ma jistax jużа/jirreferi għall-poeżiji u għan-novelli li se jkunu qegħdin jiġu assessjati fir-referenzi għall-kuntest. |

**MATSEC Examinations Board**
***January 2021***

**Is-Sillabu tal-Malti ĊES 22**

Isir f'Settembru wkoll: (L-Ewwel Karta u t-Tieni Karta B)

L-Ewwel Karta (Lingwa): l-Oral (15-il minuta) + il-Kitba (siegħa u tliet kwarti)

It-Tieni Karta (IIA) (Letteratura): 2 Referenzi għall-Kuntest + 3 Komponimenti Letterarji (sagħtejn)

It-Tieni Karta (IIB) (Letteratura): 2 Referenzi għall-Kuntest + 2 Komponimenti Letterarji (sagħtejn)

## Ir-Razzjonal

Il-kandidati jiġu eżaminati fl-ilsien u l-letteratura Maltija għal dawn ir-raġunijiet:

- Il-Malti huwa mezz komunikattiv u interattiv li jħaddan fih ukoll l-aspett estetiku u kreattiv.
- Il-Malti jiġbor fih identità lingwistika u kulturali li l-poplu Malti sawwar u għadu qiegħed isawwar.

## L-Għanijiet

Dan l-eżami jiddetermina:

- Il-livelli varji tal-kandidati fit-tħaddim tal-lingwa f'dak li għandu x'jaqsam mar-riċeviment, il-produzzjoni, u l-interazzjoni.
- Il-livelli varji tal-kandidati fil-ħila komunikattiva tagħhom skont ir-reġistru u l-forma li tkun titlob is-sitwazzjoni.
- Il-livelli varji tal-kandidati fil-ħila tal-għarfien u l-apprezzament ta' testi letterarji.

## L-Oġġettivi

F'dan l-eżami l-kandidati jiġu ttestjati u assessjati f'dawn l-oqsma:

A. L-Ewwel Karta (Lingwa)

- L-Oral (15-il minuta): l-Qari, is-Smigħ, Żewġ Diskussjonijiet fuq (a) temi kurrenti u fuq (b) temi marbuta mal-kultura lingwistika f'Malta.
- Il-Kitba (siegħa u tliet kwarti): Fehim it-Test, Għarfien il-Lingwa, il-Grammatika, u l-Malti Komunikattiv (li jinkludi Komponiment, Rapport, u Ittra).

B. It-Tieni Karta A (sagħtejn) (Letteratura): l-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Poeżija)
- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Proża)
- 3 Komponimenti Letterarji fuq l-antoloġija.

C. It-Tieni Karta B (sagħtejn) (Letteratura): l-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Poeżija)
- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Proża)
- 2 Komponiment Letterarji fuq l-antoloġija

**L-Iskema tal-Eżami**
Jingħataw żewġ karti ta' sagħtejn il-waħda.

L-Ewwel Karta (Lingwa: 50% tal-marka globali)
Din tinħadem mill-kandidati kollha, u tikkonsisti minn żewġ taqsimiet:

**L-Oral** (15-il minuta + 5 minuti ħin preparatorju; 7.5% tal-marka globali). Il-kandidati jingħataw 5 minuti ħin preparatorju qabel ma jidħlu quddiem l-eżaminatur tal-Oral. F'dawn il-5 minuti l-kandidati jippreparaw ruħhom fuq dak li jkunu se jwieġbu. L-Oral għandu dawn it-tliet komponenti:

- **Il-Qari** (2 marki) – tingħata silta **mhux letterarja** ta' madwar 80 kelma; il-kandidati jkollhom minuta biex jaqrawha b'vuċi għolja quddiem l-eżaminatur.
- **Is-Smigħ** (5 marki) – L-eżaminatur jaqra darba biss silta oħra **mhux letterarja** ta' 100 kelma b'vuċi għolja u l-kandidati jkollhom 5 mistoqsijiet b'għażla multipla (*multiple choice*). Dan irid isir f'6 minuti u kull mistoqsija tingħad darbtejn biss.
- **Żewġ Diskussjonijiet** (4 + 4 marki) – Żewġ diskussjonijiet fuq (a) temi kurrenti u (b) temi kulturali:

  (a) **Temi Kurrenti** - Diskussjoni fuq temi kurrenti (4 marki) – il-kandidati jingħataw żewġ temi kurrenti marbutin mal-ħajja ta' kuljum u jagħżlu tema minnhom u jiddiskutuha mal-eżaminatur għal 4 minuti kull waħda. It-temi jinkludu:

- l-ambjent tad-dar
- l-ambjent naturali
- id-divertiment
- l-ivvjaġġar
- iż-żgħożija
- ix-xiri
- il-kura tas-saħħa
- l-edukazzjoni
- il-ġrajjiet kurrenti

(b) **Temi marbuta mal-kultura lingwistika f'Malta** – Diskussjoni fuq temi kulturali (4 marki) – il-kandidati jingħataw żewġ temi marbuta mal-kultura lingwistika f'Malta bħall-bilingwiżmu, il-Malti Safi, it-tagħlim tal-lingwi barranin, u l-kontribut tal-awturi li ġejjin għall-iżvilupp tal-Malti:

- Gan Franġisk Agius De Soldanis
- Mikiel Anton Vassalli
- Ġan Anton Vassallo
- Ġużè Muscat Azzopardi
- Dun Karm Psaila
- Pietru Pawl Saydon
- Ninu Cremona
- Ġużè Aquilina

ii **Il-Kitba** (siegħa u tliet kwarti; 42.5% tal-marka globali). Din it-taqsima għandha dawn il-komponenti:

- Fehim it-Test (12-il marka): il-kandidati jridu jwieġbu mistoqsijiet fuq silta ta' madwar 400 mitt kelma. Il-mistoqsijiet ikunu ta' xeħta referenzjali u inferenzjali. **Is-silta ma tkunx letterarja**. F'dan it-taħriġ l-ortografija ma tiġix eżaminata imma mistenni li jkun hemm użu grammatikali tajjeb.

- Għarfien il-Lingwa (10 marki): Il-kandidati jingħataw taħriġ fuq il-lingwa tas-silta mogħtija f'Fehim it-Test. F'din il-parti l-kandidati jkunu ggwidati billi jingħataw minn liema paragrafu jkunu jridu jsibu t-tweġiba tagħhom.

- Grammatika (14-il marka): Din il-part **ma tkunx** marbuta mas-silta ta' Fehim it-Test. Il-kandidati jingħataw taħriġ biex juru li jafu r-regoli tal-Malti u jridu jkunu jafu: il-morfoloġija, it-testwalità, il-lessiku, u s-sintassi. Dan is-sillabu ma jeżaminax verbi irregolari u kliem arkajku. Għaldaqstant l-eżami ma jitlobx għarfien grammatikali ta' verbi bħal *iżża, idda, ħa, ta, ra, qal (jgħid), kien, kiel, ġie, emmen, mar, jaf, kellu*.

- Malti Komunikattiv li jinkludi: Komponiment (25 marka), Rapport (12-il marka), u Ittra (12-il marka).

**Il-Komponiment**: (350 kelma) il-kandidati jingħataw erba' titli ta' komponiment. Wieħed ta' xejra narrattiva, wieħed ta' xejra deskrittiva, wieħed ta' xejra argumentattiva, u wieħed ta' xejra espożitorja. Il-kandidati jridu jagħżlu wieħed minnhom u jiktbu komponiment fuqu.

**<u>Ir-Rapport</u>** (80 kelma): il-kandidati jingħataw żewġ rapporti u jridu jagħżlu wieħed minnhom. Iridu jkunu kapaċi jiktbu rapport li fih jiżviluppaw argument sistematiku li jenfasizza l-punti sinifikanti u d-dettalji relevanti li jsaħħu dawk il-punti.

**<u>L-Ittra</u>** (80 kelma): il-kandidati jingħataw żewġ ittri u jridu jagħżlu waħda minnhom. Dan it-taħriġ jeżamina l-kitba tal-ittra formali u informali kif ukoll tal-ittra elettronika formali. Fl-ittra elettronika l-kandidati jridu jiktbu skont ir-regoli tal-ortografija.

<u>It-Tieni Karta (Letteratura: sagħtejn, 50% tal-marka globali)</u>

It-test magħżul: l-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

Ikun hemm żewġ verżjonijiet ta' din il-Karta: it-Tieni Karta A u t-Tieni Karta B. It-Tieni Karta A jkun fiha mistoqsijiet li jeħtieġu livell ogħla ta' preparazzjoni mit-Tieni Karta B. Il-kandidati jridu juru fuq l-applikazzjoni tagħhom liema verżjoni tat-Tieni Karta jixtiequ jagħmlu. Ma jitħallewx jibdlu l-għażla tagħhom wara li jagħlaq il-perjodu tar-reġistrazzjoni.

**<u>It-Tieni Karta A</u>**:

- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Poeżija): jingħataw mistoqsijiet fuq żewġ poeżiji u l-kandidati jridu jwieġbu fuq **waħda minnhom** (20 marka).
- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Proża) **minbarra** *Il-Ħarsa ta' Rożann*: jingħataw mistoqsijiet fuq żewġ siltiet ta' proża u l-kandidati jridu jwieġbu fuq **waħda minnhom** (20 marka).
- 2 Komponimenti Letterarji fuq l-antoloġija, **minbarra** *Il-Ħarsa ta' Rożann* (200 kelma il-wieħed): jingħataw tliet mistoqsijiet u l-kandidati jridu jwieġbu **tnejn biss** (15+15-il marka).
- Komponiment Letterarju **fuq** *Il-Ħarsa ta' Rożann* (400 kelma): jingħataw żewġ mistoqsijiet u l-kandidati jridu jwieġbu **mistoqsija waħda** (30 marka)

**<u>It-Tieni Karta B</u>**:

- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Poeżija): jingħataw mistoqsijiet fuq żewġ poeżiji u l-kandidati jridu jwieġbu fuq **waħda minnhom** (20 marka).
- Referenza għall-Kuntest mill-antoloġija (Proża) **minbarra** *Il-Ħarsa ta' Rożann*: jingħataw mistoqsijiet fuq żewġ siltiet ta' proża u l-kandidati jridu jwieġbu fuq **waħda minnhom** (20 marka).
- Komponiment Letterarju fuq l-antoloġija **minbarra** *Il-Ħarsa ta' Rożann* (200 kelma): jingħataw żewġ mistoqsijiet u l-kandidati jridu jwieġbu **mistoqsija waħda** (30 marka).

- Komponiment Letterarju **fuq** *Il-Ħarsa ta' Rożann* (200 kelma): jingħataw żewġ mistoqsijiet u l-kandidati jridu jwieġbu **mistoqsija waħda** (30 marka)

**Riżultati**
Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta A jistgħu jiksbu minn Grad 1 sa Grad 5 (jiġifieri, Gradi 1, 2, 3, 4, jew 5). Min iġib inqas minn Grad 5 jibqa' U (*Unclassified*).

Il-kandidati li jagħżlu l-Ewwel Karta u t-Tieni Karta B jistgħu jiksbu grad li ma jkunx ogħla minn Grad 4 (jiġifieri, il-Gradi 4, 5, 6, jew 7). Min ma jġibx Grad 7 jkollu U (*Unclassified*).

------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------

## Appendiċijiet

Dawn l-appendiċijiet għandhom iservu ta' gwida għall-kandidati biex josservaw il-format tal-ittri u biex ikunu jafu x'termini letterarji huma mistennijin li jużaw fit-tweġibiet tagħhom skont il-ħtieġa.

**<u>Appendiċi 1: mudell ta' indirizz</u>**

L-indirizz fl-ittra għandu jkollu dan il-format:

| | |
|---|---|
| 550, Triq Nazju Ellul | = *numru tad-dar + isem it-triq* |
| L-Iklin | = *lokalità* |
| IKL 2340 | = *kodiċi postali* |

**<u>Appendiċi 2: mudell ta' ittra formali (din għandha tinkiteb fil-format blokk)</u>**

**Eżempju:**

*Ikteb ittra ta' madwar 80 kelma lill-Kap tal-Iskola tiegħek biex tissuġġerixxi x'jista' jsir biex l-istudenti kollha tal-iskola jipparteċipaw fi proġett ta' riċiklaġġ li l-iskola daħlet għalih.*

550, Triq Nazju Ellul
L-Iklin
IKL 2340

Kulleġġ San Kalċidon
Triq San Niklaw
Il-Ħamrun
HMR 0910

11 ta' April 2011

Għażiż/a Kap,
Il-proġett ta' riċiklaġġ li l-iskola daħlet għalih huwa idea ta' min ifaħħarha. U jkun xieraq li l-istudenti kollha jieħdu sehem biex nuru li aħna lkoll naqblu mal-idea tar-riċiklaġġ.

Tkun ħaġa tajba li l-istudenti jintalbu jġibu oġġett wieħed tal-iskart. Imbagħad ikollna nofstanhar mingħajr lezzjonijiet u fih l-istudenti u l-għalliema joqogħdu jagħżlu l-iskart fil-laned differenti. Wara, b'mod organizzat, kulħadd imur jaħsel idejh sakemm noqogħdu nistennew it-trakkijiet jiġu biex jiġbru l-laned li nkunu ħejjejna.

Din hija biss idea u, m'għandniex xi ngħidu, id-deċiżjoni f'idejk issirx jew le.

Tislijiet,

L-istudent tiegħek,

Joseph Borg

| | |
|---|---|
| 550, Triq Nazju Ellul<br>L-Iklin<br>IKL 2340<br>11 ta' April 2011<br><br>Kulleġġ San Kalċidon<br>Triq San Niklaw<br>Il-Ħamrun<br>HMR 0910<br><br>Għażiż/a Kap, | **l-indirizz ta' min qed jikteb; id-data; it-tislima** |
| Il-proġett ta' riċiklaġġ li l-iskola daħlet għalih huwa idea ta' min ifaħħarha. U jkun xieraq li l-istudenti kollha jieħdu sehem biex nuru li aħna lkoll naqblu mal-idea tar-riċiklaġġ.<br><br>Tkun ħaġa tajba li l-istudenti jintalbu jġibu oġġett wieħed tal-iskart. Imbagħad ikollna nofstanhar mingħajr lezzjonijiet u fih l-istudenti u l-għalliema joqogħdu jagħżlu l-iskart fil-laned differenti. Wara, b'mod organizzat, kulħadd imur jaħsel idejh sakemm noqogħdu nistennew it-trakkijiet jiġu biex jiġbru l-laned li nkunu ħejjejna.<br><br>Din hija biss idea u, m'għandniex xi ngħidu, id-deċiżjoni f'idejk issirx jew le. | **Introduzzjoni**<br><br>**Is-suġġeriment**<br><br>**Il-konklużjoni**<br><br>**(*in-numru tal-kliem jgħodd għal din il-parti biss*)** |
| | |

**<u>Appendiċi 3: mudell ta' ittra inf ormali (fil-format blokk)</u>**

60, Triq l-Anġli
Santa Venera
STV1234

26 ta' Jannar 2011

Marija,
Kif int? Nittama li kellek vjaġġ tajjeb lura lejn l-Ingilterra. Fiż-żmien li qattajna flimkien ħadna pjaċir u ddivertejna kemm flaħna. Kieku taf kif bqajt int meta rajt dawk il-ħwienet kollha. Int meta mort tgħix Londra, Paceville kien mod ieħor. Erġajna ġibna memorji sbieħ ta' meta konna ta' ħmistax-il sena. Erġejna sirna żgħażagħ wara dan iż-żmien kollu nafu lil xulxin.

Issa qis li meta niġi fis-sajf Londra teħodni f'xi diskoteki tajbin. Qed niċċajta tafx. Imma nħossni komda niċċajta hekk miegħek għax naf li mhux se tieħu għalik. Sellili għal kulħadd.

Odette

| | |
|---|---|
| 60, Triq l-Anġli<br>Santa Venera<br>STV1234<br><br>26 ta' Jannar 2011<br><br>Marija, | **l-indirizz ta' min qed jikteb; id-data; it-tislima** |
| Kif int? Nittama li kellek vjaġġ tajjeb lura lejn l-Ingilterra.<br><br>Fiż-żmien li qattajna flimkien ħadna pjaċir u ddivertejna kemm flaħna. Kieku taf kif bqajt int meta rajt dawk il-ħwienet kollha. Int meta mort tgħix Londra, Paceville kien mod ieħor. Erġajna ġibna memorji sbieħ ta' meta konna ta' ħmistax-il sena. Erġejna sirna żgħażagħ wara dan iż-żmien kollu nafu lil xulxin.<br><br>Issa qis li meta niġi fis-sajf Londra tieħodni f'xi diskoteki tajbin. Qed niċċajta tafx. Imma nħossni komda niċċajta hekk miegħek għax naf li mhux se tieħu għalik.<br><br>Sellili għal kulħadd. | **Introduzzjoni**<br><br><br>**Il-qofol tal-ittra**<br><br><br><br>**Il-konklużjoni**<br><br>**(*in-numru tal-kliem jgħodd għal din il-parti biss*)** |
| Odette | **L-għeluq** |

## Appendiċi 4: mudelli ta' ittra elettronika formali

(a) ittra elettronika formali

*Ikteb ittra elettronika lill-għalliem/a tiegħek tal-Istudji Ambjentali biex turih/a bi problema li għandek fi proġett li takom/ tatkom.*

| | |
|---|---|
| Lil | jborg@skola.com.mt |
| Mingħand | mgrech@skola.com.mt |
| Data | 11.04.2011 |
| Suġġett | Diffikultà fil-proġett |

Għażiż Sur Borg,
Illum, l-ewwel ġurnata tal-vaganzi tal-Għid, bdejt naħdem fuq il-proġett tal-Istudji Ambjentali li tajtna. Qed nieħu gost naħdmu għax huwa interessanti ħafna u bis-saħħa tiegħu qed niltaqa' ma' xi nies li jafu ħafna fuq ix-xtieli tan-naħa tagħna.

Imma l-problema hija li xi wħud mill-ismijiet li qed jagħtuni, huma jafuhom biss bl-Ingliż. Jien għalissa hekk qiegħed inniżżilhom. Imma ma nixtieqx inħallihom hekk: nixtieq insib l-ismijiet tagħhom ukoll bil-Malti.

Tista', jekk jogħġbok, tgħidli x'dizzjunarju nista' nuża ħalli nfittex fih? Nistenna bil-ħerqa mingħandek u nirringrazzjak bil-quddiem.

Tislijiet,
Joseph Borg
Student tal-5A **(86 kelma)**

## Appendiċi 5: Termini għal -Letteratura

### Termini għal-Letteratura

Din il-lista ta' termini letterarji għandha sservi ta' għajnuna għall-kandidati fl-istudju tagħhom tax-xogħlijiet letterarji magħżula. Fit-tweġibiet tagħhom, il-kandidati mhumiex mistennija li jagħtu definizzjonijiet tat-termini, **imma huma mistennija li jiddiskutu l-effetti tagħhom** fix-xogħol mistħarreġ, u dawk l-effetti jridu jintrabtu mat-tema tax-xogħol.

| **Għat-2A, il-kandidati mistennija jkunu midħla ta' dawn it-termini** | **Għat-2B, il-kandidati mistennija jkunu midħla ta' dawn it-termini** |
|---|---|
| *Il-mudelli tal-ħoss*:<br>● alliterazzjoni<br>● eliżjoni<br>● metru (vers regolari, vers ħieles)<br>● onomatopea<br>● rima (imbewsa, alternata, interna, ħielsa)<br>● ton tal-poeżija (eż : satiriku, ċajtier, ta' korla, gravi, traġiku)<br>● ton tal-proża (eż : mistoqsija, kmand, talba, ċanfir) | *Il-mudelli tal-ħoss*:<br>● alliterazzjoni<br>● metru (vers regolari, vers ħieles)<br>● onomatopea<br>● rima<br>● ton tal-poeżija (eż.: satiriku, ċajtier, ta' korla, gravi, traġiku)<br>● ton tal-proża (eż.: mistoqsija, kmand, talba, ċanfir) |
| *Il-lingwa figurattiva*:<br>● metafora (inklużi personifikazzjoni, sineddoke)<br>● similitudni | *Il-lingwa figurattiva*:<br>● metafora (inkluża personifikazzjoni)<br>● similitudni |
| *Il-mudelli rettoriċi*:<br>● repetizzjoni (anafora, epizewsi, anadiplosi)<br>● antiteżi<br>● apostrofi<br>● ewfemiżmu<br>● iperbole<br>● ironija<br>● mistoqsija rettorika<br>● paradoss<br>● sarkażmu | *Il-mudelli rettoriċi*:<br>● repetizzjoni<br>● antiteżi<br>● apostrofi<br>● ewfemiżmu<br>● iperbole<br>● ironija<br>● mistoqsija rettorika<br>● paradoss<br>● sarkażmu |
| *L-aspetti strutturali*:<br>● asindeto<br>● ċesura<br>● enjambment<br>● indenzjoni<br>● paralleliżmu<br>● polisindeto<br>● referenza għal xogħol ieħor<br>● strofa<br>● vokabularju magħżul (reġistru) | *L-aspetti strutturali*:<br>● asindeto<br>● enjambment<br>● paralleliżmu<br>● polisindeto<br>● referenza għal xogħol ieħor<br>● strofa<br>● vokabularju magħżul (reġistru) |